**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Numru: 108/2022 MLF**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Malta Travel Net Services Limited, u b'digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 2024, Dr Christopher Chircop gie mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-interessi taz-zewg konvenuti**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' socjeta attrici GO p.l.c. fejn talbet li konvenuti ikunu ikkundannati, b'solidarjeta bejniethom, ihallsuha s-somma ta' hames t'elef tmien mija u hamsa u tletin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€5835.21), in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40866608.

Illi stante li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet wahda tat-tip kummercjali ghandhom japplikaw l-imghaxijiet kummercjali u dan b'effett mid-19 ta' Frar 2021 u cioe l-gurnata ta' wara l-ahhar "Bill Due Date" indikata f'Dok A (anness mar-rikors promotur), u dan ai termini tal-Artikolu 26C tal-Kap 13 u l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta Bl-ispejjez, komprizi d-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kummercjali, kontra l-konvenuti, in solidum.

2. Rat ir-risposta tal-Avukat Christopher Chircop bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lil Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) u Malta Travel Net Services Limited fejn espona:

    1. Illi preliminarjament jigi eccepit li huwa evidentament car mill-kuntratt anness mar-rikors li l-kuntratt sar bejn GO plc u Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) ghan-nom tal-kumpanija Malta Travel Net Services Limited. Ghalhekk Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) ma huwiex il-legittimu kontradittur.

    2. Illi rigward il-mertu, hija s-socjeta' rikorrenti li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi permezz tal-provi mressqa minnha trid tikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qeghda taghmel huma fondati.

    3. Illi huwa qabel xejn f'dan l-istadju jiddikjara li m'ghandux konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qieghed jirrizerva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk huwa jsir konoxxenti ta' fatti relatati ma din il-kaz.

    4. Illi mill-kuntratt esebit minn GO plc mar-rikors huwa evidentament car li r-relazzjoni kontrattwali hija bejn GO plc u l-kumpanija Malta Travel Net Services Limited u ghalhekk Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) ma ghandu jaghti xejn lil GO plc.

    5. Illi mir-ricerka li huwa ghamel fuq il-kumpanija Malta Travel Net Services Limited jirrizulta li l-istess kumpanija giet *struck off*.

3. Rat in-nota tas-socjeta GO p.l.c. ipprezentata fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2024 li permezz taghha cediet l-kawza fil-konfront tas-socjeta konvenuta Malta Travel Net Services Ltd., stante li din giet stralcjata fl-1 ta' Dicembru 2023.[1]

4. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

5. Semghet is-sottomissjonijiet finali orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

6. In vista tal-fatt li s-socjeta attrici cediet l-atti fil-konfront tas-socjeta konvenuta, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-proceduri, inkwantu jolqtu lis-socjeta konvenuta.

7. Ghalhekk, fl-ewwel lok, din il-Qorti trid tikkunsidra l-eccezzjoni preliminari tal-kuratur deputat, li l-konvenut Bentanfous Amor f'ismu personali mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, stante li l-kuntratti ghal servizzi ta' komunikazzjoni in kwistjoni huma bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta, u ma sarux mal-konvenut Bentanfous personalment.

8. Min-naha l-ohra s-socjeta attrici targumenta li fid-diversi kuntratti esebiti, il-konvenut Bentanfous iffirma u nizzel il-karta tal-identita tieghu personali, u mhux in-numru ta' registrazzjoni tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk is-socjeta attrici tissottomessi li l-konvenut Bentanfous huwa responsabbli personalment ghal dan il-kont. Hija tghid ukoll li l-kuntratt sar mas-socjeta konvenuta *"c/o Amor Bentanfous"*, u ghalhekk in pessima ipotesi hemm is-solidarjata bejnu u bejn is-socjeta konvenuta sabiex ihallas il-kontijiet dovuti lis-socjeta attrici.

9. Il-Qorti m'ghandhiex ezitazzjoni tghid li l-mod ta' kif il-kuntratti gew redatti m'huwa xejn felici u mill-aktar lakoniku. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-fatt li n-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanija ma giex imnizzel fil-kuntratti, imma l-konvenut

[1] Ara fol. 91 tal-process.

Bentanfous iffirma u nizzel in-numru tal-karta tal-identita tieghu, ma jfissirx, kif qed targumenta s-socjeta attrici, li Bentanfous intrabat personalment ghall-obbligi tas-socjeta konvenuta. Huwa appena necessarju jinghad li persuna legali, bhas-socjeta konvenuta, ma tistax tiffirma ghaliha innifisha, u allura hija persuna fizika biss li tista' tiffirma f'isem u ghan-nom taghha. M'hemm xejn fil-kuntratti li jindika li meta dawn gew iffirmati minn Bentanfous, huwa kellu l-intenzjoni li barra li jorbot lis-socjeta konvenuta, jorbot ukoll lilu innifsu personalment bl-obbligi assunti mis-socjeta konvenuta versu s-socjeta attrici.

10. Din il-Qorti lanqas tista' tattribwixxi l-konsegwenzi legali li qed tipprova tattribwixxi s-socjeta attrici li ghax wara isem is-socjeta konvenuta fil-kuntratt hemm il-frazi abbrevjata *"c/o"* u isem il-konvenut, allura jfisser li l-konvenut kien ukoll qed jintrabat personalment jew solidament ghall-hlas tad-dejn tas-socjeta. Kif inhuwa risaput il-frazi abbrevjata *"c/o"* – abbrevjazzjoni ta' *"care of"* – tintuza meta wiehed, ghal xi raguni jew ohra, ikun irid jibghat korrispondenza lil persuna partikulari tramite persuna ohra, pero dan ma jfissirx li t-tieni persuna tkun qed tintrabat personalment jew solidalment mal-ewwel persona ghall-obbligi tal-ewwel persuna.

11. Ghaldaqstant, ir-ragunijiet moghtija mis-socjeta attrici ghalfejn il-konvenut huwa responsabbli personalment jew in solidum ghall-obbligi tas-socjeta konvenuta f'dawn il-kuntratti huma legalment infondati.

12. Konsegwentement, il-Qorti tqis li l-eccezzjoni preliminari tal-kuratur deputat li l-konvenut f'ismu personali mhux legittimu kontradditur f'dawn il-proceduri, hija gustifikata, u jisthoqqilha li tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

13. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. In vista tan-nota ta' cessjoni tas-socjeta attrici tas-26 ta' Gunju 2024, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-proceduri limitatament fil-konfront tas-socjeta konvenuta Malta Travel Net Services Limited;

2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kuratur deputat Dr Christopher Chircop u tiddikjara li l-konvenut Bentanfous Amor (Ben-Noureddine) mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

3. Konsegwentement, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenut Bentanfous Amor (Ben-Noureddine).

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**